



Brussell, 17 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

9696/25

LIMITE

CORLX 530
CFSP/PESC 805
RELEX 688
COHOM 88

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li jimplimenta r-
Regolament (UE) 2020/1998 dwar miżuri restrittivi kontra ksur u abbużi
serji tad-drittijiet tal-bniedem

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/...

ta' ...

**li jimplimenta r-Regolament (UE) 2020/1998 dwar miżuri restrittivi
kontra ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/1998 tas-7 ta' Diċembru 2020 dwar miżuri restrittivi kontra ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

¹ ĠU L 410 I, 7.12.2020, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2020/1998/oj>.

Billi:

- (1) Fis-7 ta' Diċembru 2020, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2020/1998.
- (2) Fit-8 ta' Diċembru 2020, permezz tad-Dikjarazzjoni tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli"), fisem l-Unjoni Ewropea, dwar ir-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha affermaw mill-ġdid l-impenn qawwi tagħhom lejn il-promozzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja. Ir-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem jenfasizza d-determinazzjoni tal-Unjoni li ssaħħaħ ir-rwol tagħha fl-indirizzar ta' ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja. Ir-realizzazzjoni tat-tgawdija effettiva tad-drittijiet tal-bniedem għal kull persuna hija għan strateġiku tal-Unjoni. Ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem huwa valur fundamentali tal-Unjoni u tal-politika estera u ta' sigurtà komuni tagħha.
- (3) L-Unjoni hija mħassba dwar ir-repressjoni tranżnazzjonali minn korpi statali Iranjani permezz tal-użu kontinwu ta' aġenti li jaġixxu fisimhom, b'mod partikolari li jinvolvu kriminali u networks ta' kriminalità organizzata li għandhom fil-mira tagħhom dissidenti u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja, inkluż fit-territorju tal-Unjoni. Dawk il-kriminali u n-networks kriminali organizzati kienu responsabbli għal ksur jew abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem bħal qtil extraġudizzjarju, sommarju u arbitrarju kif ukoll għajbien furzat ta' persuni li jikkritikaw l-azzjonijiet jew il-politiki tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran, jew ta' persuni meqjusa bħala avversarji tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran.

- (4) F'dak il-kuntest, jenħtieġ li tmien persuni u entità waħda jiżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2020/1998.
- (5) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2020/1998 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/1998 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

L-Anness I tar-Regolament (UE) 2020/1998 huwa emendat kif ġej:

(1) l-entrati li ġejjin jiżiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi taħt l-intestatura "A. Persuni fiżiċi":

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
"126.	Naji Ibrahim SHARIFI- ZINDASHTI magħruf ukoll bħala KENANI, Emirhan SERIFI ZINDASTI, Naci SERIFI-ZINDASTI, Naci SHARIFI ZINDASHTI, Naji SHARIFI- ZINDASHTI, Naji	ناجی ابراهیم شریفی زیندشتی (Ortografija Persjana)	Data tat-twelid: 31.5.1974 Post tat-twelid: Zindasht jew Orumiyeh, Iran Nazjonalità: Iranjana Sess: raġel ID: 2753229112 Entità assoċjata: Zindashti Network	Naji Sharifi-Zindashti huwa traffikant tan-narkotiċi Iranjan u boss tal-kriminalità organizzata. Huwa l- mexxej taz-Zindashti Network, grupp kriminali li wettaq bosta atti ta' repressjoni tranżnazzjonali, inkluż assassinji barra l-Iran. Huwa konness mal-Ministeru għall-Intelligence u s- Sigurtà (MOIS) tal-Iran, li huwa l-fergħa tal-gvern Iranjan inkarigat fost l-oħrajn mill-assassinju ta' persuni kritiċi tal-azzjonijiet jew il-politiki tar- Repubblika Iżlamika tal-Iran, jew persuni meqjusa b'xi mod ieħor mir-Repubblika Iżlamika tal-Iran bħala avversarji tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran. Għalhekk, Naji Sharifi-Zindashti huwa responsabbli għal ksur jew abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem barra l-Iran, b'mod partikolari, eżekuzzjonijiet u qtil extraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji u għajbien furzat ta' persuni.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-eLENkar	Data tal- elenkar
127.	Abdolvahap KOCAK magħruf ukoll bħala Abdolwahab KOCAK Abdolvahab KUCHAK		Post tat-twelid: Adiyaman, Turkiye Nazżjonalità: Torka Sess: raġel ID: UI2429867	Abdolvahap Kocak huwa uffiċjalment il-ġardinier ta' Naji Zindashti. Serva wkoll bħala assassin li ġie implikat f'diversi assassinji ordnati minn Naji Zindashti u eżegwiti miz-Zindashti Network. B'mod partikolari, Abdolvahap Kocak qatel id-dissident Iranjan Mas'ud Molavi Vardanjani, reat li għalih ġie kkundannat fit-Turkija. Għalhekk, Abdolvahap Kocak huwa assoċjat ma' Naji Zindashti u maz-Zindashti Network li huma responsabbli għal ksur jew abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż qtil extraġudizzjarju, sommarju jew arbitrarju. Huwa responsabbli wkoll għal ksur jew abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem barra mill-Iran, b'mod partikolari qtil extraġudizzjarju, sommarju jew arbitrarju.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal- ejenkar
128.	Ali ESFANJANI	علی اسفنجانی (Ortografija Persjana)	Data tat-twelid: 15.8.1985 Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel ID: P30251288	Bħala parti minn komplott mill-Ministeru għall- Intelligence u s-Sigurtà (MOIS) tal-Iran u miż- Zindashti Network, Ali Esfanjani għamel ħbieb mad-dissident Iranjan Mas'ud Molavi Vardanjani, ta l-informazzjoni dwaru lill-MOIS u wasslu fil- post fejn inqatel minn Abdulvahap Kocak. Bħala tali, Ali Esfanjani huwa assoċjat maż Naji Zindashti u maz-Zindashti Network li huma responsabbli għal ksur jew abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż qtil extraġudizzjarju, sommarju jew arbitrarju. Huwa involut ukoll direttament fi qtil extraġudizzjarju, sommarju jew arbitrarju billi assista fi, ħejja jew iffaċilita dak il-qtil.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
129.	Ali KOCAK		Post tat-twelid: Adiyaman Kahta, Türkiye Nazżjonalità: Iranjana Sess: raġel ID: 20926131442	<p>Ali Kocak huwa hu Abdulvahap Kocak u assoċjat maz-Zindashti Network. Ali Kocak wettaq sorveljanza fuq is-sid Iranjan ta' Gem TV, Saeed Karimian, qabel il-qtil tiegħu u huwa suspettat li huwa responsabbli għall-qtil innifsu.</p> <p>Għalhekk, Ali Kocak huwa involut fi ksur jew abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, billi jassisti fi, iħejji u jiffaċilita qtil extraġudizzjarju, sommarju jew arbitrarju.</p> <p>Barra minn hekk, Ali Kocak huwa formalment is-sewwieq ta' Naji Zindashti. Għalhekk, Ali Kocak huwa assoċjat ma' Naji Zindashti u maz-Zindashti Network li huma responsabbli għal ksur jew abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż qtil extraġudizzjarju, sommarju jew arbitrarju.</p>	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
130.	Ekrem Abdulkerym OZTUNC magħruf ukoll bħala Ekrem ÖZTUNÇ		Data tat-twelid: 7.10.1984 Post tat-twelid: Yuksekoa, Türkiye Nazjonalità: Torca Sess: raġel Indirizz: Orumiyeh, West Azerbaijan, Iran ID: U01292672	Ekrem Oztunc huwa neputi ta' Naji Zindashti u assoċjat mill-qrib taz-Zindashti Network. Kellu rwol ċentrali fit-trażmissjoni, permezz ta' kanali kriptati, tal-ordnijiet ta' qtil waqt it-tentattivi ta' assassinji tan-Network. Bħala tali, Ekrem Oztunc huwa assoċjat ma' Naji Zindashti u maz-Zindashti Network, kif ukoll huwa responsabbli għall-ippjanar, l-għoti tal-ordnijiet, l-assistenza fi jew il-faċilitazzjoni ta' eżekuzzjonijiet u qtil extraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji u l-għajbien furzat ta' persuni, li jikkostitwixxu ksur jew abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem.	+
131.	Mohammed Reza ANSARI		Nazjonalità: Iranjana Sess: raġel	Mohammed Ansari huwa l-mexxej tal- Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC) Quds Force Unit 840. Huwa ordna l-assassinju ta' ġurnalisti kritiċi tar-reġim Iranjan, inkluż żewġ ġurnalisti ta' Iran International. Mohammed Ansari huwa għalhekk responsabbli għall-ippjanar, l-assistenza fi, it-tħejjija u l-faċilitazzjoni ta' qtil extraġudizzjarju, li jikkostitwixxi ksur jew abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-eLenkar	Data tal- elenkar
132.	Nihat Abdul Kadir ASAN magħruf ukoll bħala ASAN, Nihat ASAN, Nihat Abdulkadir EBRAHIMIHARKIA N, Ramin KURD, Ibrahim ASHAN, Nihat BAHTIYAR		Data tat-twelid: 1.10.1981 jew 11.11.1981 Post tat-twelid: Van, Türkiye Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel ID: 2751062326 (Iran) Passaport: U13927927 (Türkiye)	Nihat Asan huwa assoċjat mill-qrib taz-Zindashti Network, li kellu rwol ċentrali fl-ippjanar loġistiku għal ħafna mit-tentattivi ta' assassini tan-network. Bħala tali, Asan huwa assoċjat ma' Naji Zindashti u maz-Zindashti Network. Huwa wkoll responsabbli għall-ippjanar, l-għoti tal-ordnijiet, l-assistenza fi jew il-faċilitazzjoni ta' eżekuzzjonijiet u qtil extraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji, li jikkostitwixxu ksur jew abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-eLenkar	Data tal- elenkar
133.	Reza HAMIDIRAVARI magħruf ukoll bħala Reza HAMIDI RAVARI	راوری حمیدی رضا (Ortografija Persjana)	Data tat-twelid: 31.10.1963 Nazżjonalità: Iranjana Sess: raġel ID: V40150378	Reza Hamidiravari huwa uffiċjal tal-intelligence li jaħdem għall-Ministeru għall-Intelligence (MOIS) tal-Iran. Huwa jissorvelja l-operazzjonijiet ta' Naji Zindashti mmexxija mill-MOIS, inkluż il-qtil ta' dissidenti u persuni kritiċi tar-reġim Iranjan. Bħala tali, Reza Hamidiravari huwa assoċjat ma' Naji Zindashti u maz-Zindashti Network, li huma responsabbli għal ksur jew abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż qtil extraġudizzjarju, sommarju jew arbitrarju.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

(2) l-entrata li ġejja tizzied mal-lista ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet u korpi taħt l-intestatura 'B. Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi':

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
"34.	The Zindashti Network magħruf ukoll bħala Zindashti's criminal network Zindashti criminal organisation		Data tar-reġistrazzjoni: 18.08.1983 Post prinċipali ta' attività: Iran, Türkiye, Europe Individwi assoċjati: Naji Ibrahim Sharifi-Zindashti, Reza Hamidiravari, Nihat Abdul Kadir Asan, Ekrem Abdulkerym Oztunc, Ali Esfanjani, Ali Kocak, Abdulvahap Kocak	Iz-Zindashti Network huwa grupp kriminali li wettaq bosta atti ta' repressjoni tranżnazzjonali inkluż assassinji barra l-Iran. Iz-Zindashti Network huwa mmexxi mit-traffikant tan-narkotiċi Iranjan Naji Sharifi-Zindashti u huwa konness mal-Ministeru għall-Intelligence u s-Sigurtà (MOIS) tal-Iran, li huwa l-fergħa tal-gvern Iranjan inkarigat fost l-oħrajn mill-ħtif ta' persuni kif ukoll mill-assassinju ta' persuni kritiċi tal-azzjonijiet jew il-politiki tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran, jew persuni meqjusa b'xi mod ieħor mir-Repubblika Iżlamika tal-Iran bħala avversarji tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran. Għalhekk, iz-Zindashti Network huwa responsabbli għal ksur jew abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem barra l-Iran, b'mod partikolari, eżekuzzjonijiet u qtil extraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji u għajbien furzat ta' persuni.	+"

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
			Entitajiet assoċjati oħra: Il-Ministeru għall- Intelligence u s-Sigurtà (MOIS) tal-Iran, l- Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC)		

PUBLIC